MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 521/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brandon Pace**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Brandon Pace, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 211095(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) nhar-it 2 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-11.30 p.m., ġewwa Triq id-Duluri, Hamrun, u matul il-ġranet ta' qabel, naqas milli jħares kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fid-digriet tagħha datat 27 ta' Awwissu 2014 li bih hu ġie ordnat sabiex jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux aktar tard mill-11.00 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel is-7.00 a.m., u sabiex jiffirma ġewwa l-għassa tal-Hamrun

kuljum bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m. u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) nhar-it 2 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-11.30 p.m., ġewwa Triq id-Duluri, Hamrun kien qed jagħmel użu minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBM-393, meta ma kellux il-liċenzja neċessarja minn awtorita` kompetenti sabiex isuq vettura bil-mutur u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef David Scicluna LL.D. datata 30 ta' Ottubru 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

(4) fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liċijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Brandon Pace, kif ukoll tordna li s-somma ta' elf euro bħala depożitu u s-somma ta' ħamest elef euro bħala garnanzjia personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 579, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Brandon Pace ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, u kkundannatu għal perjodu ta' tliet xhur priġunerija effettivi.

Il-Qorti ordnat ulterjorment, ai termini tal-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-piena ta' priġunerija ta' disa' (9) xhur sospiżi għal tliet (3) snin mogħtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2014 tiġi reża operattiva.

B'hekk il-ħati għandu jagħmel perjodu globali ta' sena (1) priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien illi l-ħati għamel taħt arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn ir-reati, u r-reati li għalihom ingħata s-sentenza sospiża, b'dan li ma għandux jitnaqqas xi żmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza oħra ta' priġunerija.

Inoltre, ai termini ta' l-Artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rrevokat il-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Brandon Pace mogħti

b'digriet ta' din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dottor Josette Demicoli fis-27 ta' Awwissu 2014. Konsegwentement il-Qorti ordnat l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi Brandon Pace ;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Brandon Pace ppreżentat fis-16 ta' Diċembru 2014, fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva. L-appellant jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi l-appellant jilmenta illi l-piena erogata minn l-ewwel Qorti **u cioe' dik ta' sena prigunerija effettiva (bl-applikazjoni tal-Artikolu 28B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** hija wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi.
>
> "Illi tenut kont anke l-eta` tenera tal-appellant is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti, **hija wahda eccessiva ghall-kaz odjern u l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu**.
>
> "Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:
>
> "'Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta`, izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga` bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilita` illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza .. tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero` llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita` illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'

"F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza wkoll ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita` ohra, permezz ta' piena ridotta.

"Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizja vs Charlot Aquilina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar press illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation:

"'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga, … u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin … li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv** … Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet ohra sabiex jirriforma ruhu fil-passat izda huwa xorta wahda rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe` ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli**.'

"Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: 'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs... Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi*

> *l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija****".*

**6.** Fil-każ in eżami huwa minnu illi l-appellant għadu ta' eta` żgħira iżda diġa` xellef idejh mal-ġustizzja diversi drabi. B'sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ottubru 2014, hija kienet ikkonvertiet sentenza effettiva ta' priġunerija f'sentenza ta' priġunerija sospiża b'ordni ta' superviżjoni. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet qalet:

> "**8.** Din il-Qorti tapprezza illi meta l-ewwel Qorti tat lill-appellant sentenza ta' priġunerija effettiva, hija kellha f'moħħha li l-appellant jieħu tagħlima. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-appellant kellu bżonn tagħlima sabiex jinduna illi ma jistax jikser il-liġi b'impunita`. Jirriżulta illi issa ilu taħt arrest preventiv mit-23 ta' Settembru 2014 u għalhekk diġa` għamel perijodu priv mil-liberta`. Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul fuq il-każ, hi tal-fehma illi l-appellant, li għandu biss dsatax-il sena, jeħtieġ għajnuna sabiex idawwar ir-rotta li forsi qabad u b'hekk is-sitwazzjoni ma tibqax taggrava. Għalhekk, filwaqt illi se żżomm ferm il-perijodu ta' priġunerija nflitta mill-ewwel Qorti, u li hi fil-parametri tal-liġi, sejra tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza u tagħmel ordni ta' superviżjoni bil-kondizzjonijiet appożiti.
>
> "**9.** Din il-Qorti twissi, pero`, lill-appellant illi, bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **'is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.'**"

**10.** F'dak il-każ l-appellant kien ukoll instab ħati ta' sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja u mingħajr kopertura assikurativa kif ukoll bi ksur ta' kondizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest, senjatament ksur tal-*curfew*. Il-każ in eżami seħħ 33 ġurnata biss wara li ngħatat l-imsemmija sentenza li permezz tagħha din il-Qorti kienet tat lill-appellant l-opportunita` li "idawwar ir-rotta li forsi qabad". Sfortunatament l-appellant ma għarafx jaħtaf din l-opportunita`. Ma tantx wera sogħba tar-reati li għamel. Mill-fedina penali aġġornata tiegħu jirriżulta wkoll, almenu *prima facie*, li diġa` kellu każ ieħor fejn ingħata sentenza sospiża ta' priġunerija. Imbagħad il-fatt li se jkollu tarbija ma jservi ta' ebda skużanti.

**11.** Konsegwentement din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni biex tilqa' l-appell.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------